# KONKORS TAT-TRADUZZJONI JUVENES TRANSLATORES 2010

**L-istruzzjonijiet**

***Fuq din il-paġna*** *- imla d-dettalji fil-kaxxa t'hawn taħt b'****ittri kbar****.*

***Fil-paġni ta' wara*** *- ikteb it-traduzzjoni tiegħek fir-rigi pprovduti u mingħajr ma toħroġ mill-kaxxa. Imla l-oqsma li ssib fuq nett f'kull paġna (in-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola, in-numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent/a) u n-numru tal-paġna (****in-numru tal-paġna*** */* ***in-numru totali ta' paġni****).*

| Il-lingwa sors: English | Il-lingwa mira: Malti |
|---|---|
| Il-pajjiż: MALTA | |
| In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 884<br>In-numru tal-istudent/a mill-bażi tad-dejta/email ta' konferma: 1917 | |
| L-isem tal-iskola: SKOLA SEKONDARJA OGHLA, GIOVANNI CURMI | |
| L-isem tal-istudent/a: LAURA CIOFFI | |
| Id-data ta' twelid: | |

In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 884

In-numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent/a: 1917

Traduzzjoni:

Ix-xorti tidħak lill-Ewropej qalbiena godda.

L-ivvjaġġar jiftaħ il-moħħ. Minkejja li, kif ngħidu, qatt m'hu tard wisq biex wieħed jitgħallem, l-ivvjaġġar jaffettwa l-aktar lill-vjaġġaturi żgħażagħ. F'dinja dejjem iżjed globalizzata, il-mobilità nistgħu ngħidu li saret neċessità.

Meta inawgurat il-programm ERASMUS fl-1987, il-Kummissjoni Ewropea kienet qed tipprepara għal dan. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ERASMUS ta lil aktar minn 2 miljun student universitarju u lil eluf ta' lekċerers l-opportunità li jistudjaw jew jgħallmu barra minn pajjiżhom f'iktar minn tletin pajjiż differenti.

Dawn il-perjodi ta' studju żgur li ~~mhumiex~~ mhumiex vaganzi fit-tul. Għal ħafna żgħażagħ, din hija l-ewwel esperjenza ta' għixien f'pajjiż barrani, waqt li għal oħrajn, din tfisser jgħixu mingħajr il-protezzjoni tal-familja għall-ewwel darba. Minkejja li t-televiżjoni u l-internet ipprovdew aċċess għal diversi kulturi u esperjenzi differenti, meta wieħed imur jgħix barra l-istorja hi xorta oħra.

In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 884

In-numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent/a: 1917

Il-fatt li wieħed irid jaċċetta u jidra kultura, lingwa, sistema edukattiva u saħansitra ikel ġdid, jista' jidher xi ftit diffiċli għal bidu.

Madanakollu, il-benefiċċji huma ħafna u jikkumpensaw bil-kbir lill-frustrazzjonijiet u s-solitudni li wieħed iħoss għal bidu ta' din l-esperjenza. Studenti li għaddew minnha jgħidu li l-esperjenza tagħhom barra minn pajjiżhom għenithom isiru aktar indipendenti u jkattru l-kunfidenza fihom infushom. Peress li kellhom jitgħallmu jittrattaw sitwazzjonijiet u ambjenti ġodda, huma tgħallmu jaddattaw għal din il-bidla u jaħtfu l-opportunitajiet ġodda li jiġu offruti lilhom. Xi whud kitbu kif huma assimilaw xi karatteristiċi u abitudnijiet tal-pajjiż li ospitahom, tant li donnhom ħadu n-nazzjonalità tal-pajjiż ospitant li qabel dehret tant differenti. Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li dawn iż-żgħażagħ evolvew f'tip ta' Ewropej ġodda.

L-avventura ta' studju barra tista' tkun sors ta' ħafna iktar minn sempliċiment żvilupp personali.

In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 884

In-numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent/a: 1917

Il-gradwati li qed jidħlu fid-dinja tax-xogħol qegħdin isibu li min iħaddem iħares lejn iż-żmien li wieħed ikun qatta' barra ~~bħa~~ biex jistudja bħala vantaġġ. Illum il-ġurnata qed niffaċċjaw sitwazzjoni ta' ekonomiji dipendenti minn xulxin u lejn il-flessibilità hija essenzjali. Għalhekk, il-kwalitajiet l-aktar imfittxi fl-impjegati prospettivi huma l-ħiliet komunikattivi u l-abilità li wieħed jintegra rutu malajr. Konsegwentament, min ikollu prova li kapaċi jkampa f'pajjiż barrani huwa ħafna aktar attraenti għas-sidien li jridu jikkonsolidaw u jespandu għal swieq ġodda. Min iħaddem qed jiffavorixxi lil dawn l-Ewropej ġodda għal potenzjal li joffru.